**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 241/2023 RM**

**Silvan Agius**

**-Vs-**

**Simon Mercieca**

**Illum, 2 ta' Lulju 2025**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Silvan Agius fir-Reġistru tal-4 ta' Ottubru 2023 fejn talab li Simon Mercieca jiġi kkundannat iħallsu dik is-somma li din il-Qorti tiddetermina ai termini tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta), bħala danni u riparazzjoni tal-malafama li huwa soffra meta permezz ta' kitba ppubblikata u/jew magħmula minnek u li ġiet ppublikata fuq il-blog 'Simon Mercieca's Freepress' permezz tas-segwenti artikli (hawn annessi u rispettivament immarkati Dok A sa Dok E): ta' nhar il-ħdax (11) ta' Ġunju 2023 'How to Promote Gay Conversation Therapy and Then Report Someone Else For it: Only in Malta' nhar it-tlettax (13) ta' Ġunju 2023 'Why it is Illegal for Maltese Priests to Hear Confessions from Repenting Homesexuals'; nhar l-erbatax (14) ta' Ġunju 2023 'In his right of reply, Silvan Aguis hints that calling him "Tagħna lkoll" is libelous' , nhar it-tmintax (18) ta' Ġunju 2023 'Don't Promote Gay Conversion Unless You Are "Tagħna Lkoll, Fuqna Lkoll"; u nhar is-sittax (16) ta' Settembru 2023 'Jista' Silvan Aguis jghidilna għala Rosianne Cutajar ma qed tidher imkien fl-attivitajiet tal-Europride?', u li din il-kitba baqgħet imxandra fil-ġranet u xhur ta' wara fuq is-sit tal-internet 'Simon Mercieca's Freepress' u konsegwentement tajt malafama lill-istess attur b'allegazzjonijiet foloz u malafamanti intiżi biex jagħmlu ħsara serja lir-reputazzjoni

tal-attur.

Bl-ispejjez u bl-imgħaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv inkluż l-ispejjez tal-protest ġudizzjarju bin-numru 2/2023 kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt in subizzjoni

Rat ir-Risposta ppreżentat mill-konvenut fir-Reġistru fis-17 ta' Ottubru 2023 fejn eċċepixxa:-

1. Il-premessi u t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl- ispejjeż kontra l-attur;
2. Fil-mertu, il-pubblikazzjonijiet mertu ta' din il-kawża mhumiex libellużi jew malafamanti;
3. Fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-pubblikazzjonijiet mertu ta' din il- kawża jikkonsistu f'rappurtaġġ dwar materja ta' interess pubbliku aċċetabbli f'soċjeta' demokratika, kemm taħt il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll taħt il-liġijiet ta' l-Istampa;
4. Subordinatament u bla preġudizzju għal dak kollu suespost, fejn l-artikoli jikkontjenu kummenti jew opinjonijiet, il-pubblikazzjonijiet in kwistjoni jikkonsistu wkoll f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament jew *value judgement* ta' l-esponenti u huwa *fair comment* magħmul *in buona fede* fuq materja ta' interess pubbliku, ammissibbli kemm taħt il-liġi ta' l-Istampa, kemm taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem;
5. Jidher li l-attur qiegħed jabbuża minn dawn il-proċeduri ġudizzjarji biex jintimida lill-esponenti u jittenta joħnoq u jxekkel il-jedd fundamentali ta' l-esponenti għal-liberta' ta' l-espressjoni tiegħu;
6. Għalhekk it-talbiet ta' l-attur għandhom jiġu miċħuda fl-intier bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat id-digriet mogħti fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2023 fejn, għall-fini tal-artikolu 10 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, iddeċidiet li tibgħat il-partijiet biex jgħaddu minn proċess ta' medjazzjoni;

Rat id-digriet mogħti fil-11 ta' Jannar 2024 fejn irrevokat *contrario imperio* d-digriet tas-6 ta' Novembru 2023 u ordnat li l-kawża għandha tissokta bis-smigħ tal-provi;

Rat il-provi inkluż l-Affidavits tal-partijiet u tax-xhieda rispettivi tagħhom;

Rat id-dokumenti kollha akkwiżiti fl-atti proċesswali;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli avukati tal-partijiet fis-seduta tat-12 ta' Ġunju 2025;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni għal malafama taħt l-Att dwar il-Midja u l-Malafama (Kap. 579 tal-Liġijiet ta' Malta)[1].

L-attur jimpunja bħala malafamanti diversi artikoli lkoll ippubblikati mill-konvenut Simon Mercieca permezz ta' *blog* bl-isem '*Simon Merciea's Free Press*' fuq is-sit elettroniku www.simonmercieca.com:

- Artikolu pubblikat fil-11 ta' Ġunju 2023 intitolat '*How to promote gay conversion therapy and then report someone else for it*' – miktub minn 'a Blog Reader';

[1] Hawn iktar 'l isfel imsejjaħ 'l-Att'.

- Artikolu pubblikat fit-13 ta' Ġunju 2023 intitolat '*Why it is illegal for Maltese priests to hear confessions from repenting homosexuals*' – miktub minn 'a Blog Writer';
- Artikolu pubblikat fl-14 ta' Ġunju 2023 intitolat '*In his right of reply, Silvan Agius hints that calling him 'Tagħna lkoll' is libellous*' – mitkub mill-konveut Simon Mercieca;
- Artikolu pubblikat fit-18 ta' Ġunju 2023 intitolat 'Dont Promote Gay Conversion Unless you are '*Tagħna lkoll, Fuqna lkoll*'' – mitkub minn 'a Blog Reader'; u
- Artikolu pubblikat fit-18 ta' Ġunju 2023 intitolat '*Jista' Silvan Agius jgħidilna għala Rosianne Cutajar ma qed tidher imkien fl-attivitajiet tal-Europride?*' – mitkub mill-konveut Simon Mercieca.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi minkejja illi tlieta mill-ħames artikoli impunjati ġew mitkuba mhux mill-konvenut iżda minn terza persuna injota, il-konvenut huwa xorta waħda responsabbli għall-pubblikazzjoni tal-istess artikoli għaliex aċċetta li jippubblikahom fuq is-sit elettroniku www.simonmercieca.com, sit illi huwa kontrollat minnu u għalhekk għandu jitqies bħala l-editur, ossia l-persuna li għandha l-kontroll editorjali tal-materjal u midja li jiġi ppubblikat fuq l-imsemmi sit[2]. Fuq kollox, fix-xhieda tiegħu, il-konvenut assuma responsabbilita' għall-pubblikazzjonijiet kolllha impunjati mill-attur f'din l-azzjoni.

Illi mill-fatti li joħorġu minn qari tal-pubblikazzjonijiet impunjati, jirriżulta illi dawn ġew ixprunati minn rapportaġġ fil-midja dwar ix-xhieda tal-attur, Silvan Agius, mogħtija ftit ġranet biss qabel l-ewwel pubblikazzjoni fil-11 ta' Ġunju 2023, fi proċeduri kriminali li ttieħdu fil-konfront ta' żewġ ġornalisti Mario Camilleri u Rita Bonnici, u fil-konfront ta' Matthew Grech[3]. Jirriżulta li Matthew Grech kien ġie intervistat minn Mario Camilleri u Rita Bonnici fuq programm imxandar fis-6 ta'

[2] Ara definizzjoni ta' 'editur' fl-artikolu 2 tal-Kap. 579.
[3] **Il-Pulizija v. Matthew Grech et.** Kumpilazzjoni Numru 438/23 (ara nota ppreżentat fil-5 ta' Mejju 2025). Xhieda ta' Silvan Agius tad-9 ta' Ġunju 2023.

April 2022 fuq is-sit elettroniku ta' PMNews, gazzetta elettronika, dwar il-passat omosesswali tiegħu u l-esperjenza spirtwali li xprunat transizzjoni għal ħajja eterosesswali. Il-ġornalisti ta' PMNews ġew mixlija flimkien mal-intervistat, Matthew Grech, bir-reat ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni taħt l-artikolu 3 tal-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġenru u l-Espressjoni tal-Ġenru (Kapitolu 567), abbażi ta' rapporti li saru lill-Pulizija, fosthom mill-attur innifsu, Silvan Agius, fejn ingħad li x-xandir tal-intervista fis-6 ta' April 2022 kien jikkostitwixxi reklamar ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni.

Fl-artikoli impunjati f'din il-kawża l-attur, li huwa attivist ta' drittijiet LGBTIQ u persuna omosesswali, jiġi mixli li rreklama huwa stess prattiċi illegali ta' konverżjoni meta ppubblika *link* għall-intervista fuq PMNews bil-kontenut allegatament illegali, lil membri tal-Malta Gay Rights Movement (MGRM) fuq il-paġna fuq Facebook tal-istess MGRM. B'mod speċifiku, ġie dikjarat illi l-attur kellu huwa stess jiġi mixli wkoll bir-reat ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni għaliex permezz tal-*link* li huwa pprovda fuq il-paġna fuq Facebook ta' MGRM, persuni tal-ġenru LGBTIQ - li fl-artikolu ingħad li huma l-iktar persuni suxxettibbli għal prattiċi ta' dik ix-xorta - ingħataw aċċess dirett għall-wiri ta' programm li allegatament jittratta prattiċi illegali ta' konverżjoni.

L-attur jidentifika s-segwenti bran mill-artikolu pubblikat fit-18 ta' Ġunju 2023 (Dok. D):

"*Three weeks after the program aired and the advertising for it had stopped, he sent a link to the TV programme tot the Malta Gay Rights Movement (MGRM) knowing that it would cause consternation among the gays. In other words, he decided to start adverstising (as defined under Maltese law) for the gay conversion programme. At MGRM, the link spread like wildfire. This second wave of adverstising hit its target in the eye. ... Homosexuals are the prime target market for gay conversion programmes and Agius stuck it to them as only he knows how to.*"

L-artikoli impunjati fihom kritika tal-Pulizija talli ma pproċedewx kriminalment fil-konfront ta' Silvan Agius innifsu għar-reat ta' reklamar ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni, minkejja li kellu jitqies li għamel reklamar tal-programm b'kontenut illegali meta wera l-programm lil terzi b'*link* fuq Facebook diversi ġimgħat wara dan kien diġa' ġie mxandar. Il-pubblikatur jisħaq illi hawnhekk l-attur ibbenefika minn trattament differenti minħabba r-rwol politiku tiegħu bħala membru tal-kabinett tal-Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza Helena Dalli, fejn kien involut ukoll fil-promozzjoni u introduzzjoni tal-liġi fl-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġenru u l-Espressjoni tal-Ġenru (Kapitolu 567), għaliex il-Pulizija mxew miegħu b'kejl differenti minn dak li ġie applikat fil-konfront tal-ġornalisti ta' PM News u Matthew Grech, persuna li ma għadux jidentifika bħala omosesswali:-

"*But because he is a "tagħna lkoll, taħt id-dublett ta' Helena Dalli u Gabi Calleja", justice doesnt apply to him. A fine of up to €5,000 or five months in jail awaits PMNews and Matthew Grech, while Silvan Agius gets a cupcake for adverstising the programme. If he were an equality expert, the man would have reported himself and MGRM to the police aswell.*"[4]

L-artikoli jikkritikaw ukoll lill-Pulizija talli jissokkombu b'mod sistematiku għal pressjoni minn persuni fil-politika biex jaġixxu kriminalment fl-oqsma ta' reati kontra l-identita' u l-espressjoni tal-ġenru, u jqabblu l-azzjoni kriminali li ttieħdet mill-Pulizija fil-konfront tal-ġornalisti ta' PMNews u Matthew Grech fuq rapport tal-attur, li huwa persuna fil-politika, mal-każ ta' Fr. David Muscat li kien ġie mixli mill-Pulizija bir-reat ta' mibgħeda fuq bażi ta' ġeneru, identità tal-ġeneru, orjentazzjoni sesswali taħt l-artikolu 82A tal-Kodiċi Kriminali minħabba pressjoni li kien sar minn ministru tal-Gvern.

"*This week, we got further proof that the police yielded to Silvan Agius' request to proceed with criminal action against a small television station and ex-gay and openly*

[4] Paġna 5 tal-atti tal-kawża - Dok. A. Bran riprodott ukoll fl-Affidavit tal-attur.

*Christian, Matthew Grech. Silvan Agius is a cabinet member of the EU Commissioner Helena Dalli. Never mind that Agius promoted the same TV program himself among the gay community, as reported on the blog. All it takes to set the criminal ball swinging into action is a politician with influence. The police are just pawns in the hands of politicians.*"

L-artikoli impunjati fihom riflessjonijiet ta' kritika dwar it-tfassil tal-liġi fl-Att tal-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġenru u l-Espressjoni tal-Ġenru (Kap. 567) in kwantu il-parametri eċċessivi u kategoriċi tal-liġi kif kien oriġinarjament imfassal qabel l-emendi li saru fl-2023[5]: skont l-awturi jew awturi tal-pubblikazzjonijiet, il-liġi kienet tikkriminalizza spectrum wiesa' ta' attivitajiet – inkluż terapija jew trattament anke fejn dawn jingħataw bħala *counselling* jew waqt qrar - bħala prattiċi illegali ta' konverżjoni, mingħajr ebda distinzjoni, u għalhekk kellha titqies bħala liġi ħażina u drakonjana li tistultifika l-jedd għal-liberta' tal-espressjoni. Ingħata eżempju tal-qassis li jagħti maħfra u penitenza lil persuna omosesswali li jmur għandu biex iqerr għaliex iqis lil imġieba omossesswali tiegħu bħala dnub, jew jagħti lil midneb ukoll gwida jew pariri spirtiwali biex jgħinu jżomm lura minn dik l-imġieba. Speċifikatament, tispikka l-ironija tal-fatt illi l-att ta' "*reklamar*" skont il-liġi li ppromwova l-attur innifsu, jista' jaqbad fih ukoll iċ-ċirkolazzjoni ta' *link* dwar programm li jittratta l-materja projibita mill-istess liġi bħal dak li wettaq l-attur innifsu.

Il-pubblikazzjonijiet jikkritikaw ukoll il-fatt illi anke jekk tassew l-attur ħass li kellu obbligu jirrapporta l-pubblikazzjoni tal-intervista bħala prattika illegali taħt l-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġenru u l-Espressjoni tal-Ġenru, ma kienx ġustifikat jaqsam jew jiċċirkola huwa stess il-materjal illegali ma' terzi.

Il-konvenut Simon Mercieca, bħala l-awtur tal-artikolu ppubblikat fis-16 ta' Settembru 2023, jagħmel riferenza għal dak li qal l-attur innifsu fuq programm televiżiv, fejn

[5] Att XIII tal-2023.

kien iddeskriva esperjenzi ta' *bullying* li kien għadda minnhom meta kien l-iskola minħabba l-orjentazzjoni sesswali tiegħu. Il-konvenut jesprimi n-nuqqas ta' qbil tiegħu dwar il-perċezzjonijiet tal-attur rigward l-esperjenza tal-bullying li għadda minnu u jisħaq li l-attur innifsu huwa *bully* għaliex inkariga avukat affiljat mal-fazzjoni liberali u progressiv tal-Partit Nazzjonalista biex jinterpellah ġudizzjarjament dwar l-artikoli li kien ippubblika riferibbilment għall-attur. Il-konvenut jakkuża lill-attur li jaġixxi skont aġenda politika u jistaqsih ukoll biex jispjega għaliex il-membru parlamentari Rosianne Cutajar, li konsistentement wriet appoġġ favur it-tisħiħ ta' drittijiet LGBTIQ ma kienetx waħda mill-kelliema fl-attivita' tal-EuroPride u jekk jista' jkun li ġiet imwarrba minħabba diżgwid li kellha mal-Prim Ministru.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi għalkemm l-attur ilmenta fix-xhieda tiegħu li r-risposta tiegħu għall-artikolu pubblikat fil-11 ta' Ġunju 2023, ma ġiex ippubblikat skont il-liġi għaliex il-konvenut oskura r-risposta tiegħu billi ppubblikaha wara artikolu sħiħ li fih ikkritika l-istess risposta aprioristikament, huwa baqa' ma għamilx talba għal rimedju jew ħlas ta' penali taħt l-artikolu 15 tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Il-Qorti lanqas m'hi sejra tieħu konjizzjoni tal-lanjanzi ta' Cynthia Chircop fl-Affidavit tagħha safejn tiddikjara li ħassitha vittimizzata u aggravata bid-deskrizzjoni, allegatament qarrieqa, ta' persuna *queer* fil-pubblikazzjoni tal-artikolu tal-11 ta' Ġunju 2023, għaliex Cynthia Chircop ma hijiex waħda mill-persuni aggravati li ġabet 'il quddiem din l-azzjoni għal malafama. Wisq inqas sejra tieħu konjizzjoni tal-artikoli li ġew ippubblikati mill-konvenut fil-mori tal-proċediment odjern[6] u l-lanjanzi tal-attur safejn jikkonċernaw dawn iż-żewġ artikoli addizzjonali, għaliex dawn m'humiex fil-mira tal-azzjoni, liema azzjoni tikkonċerna <u>biss</u> l-erba' pubblikazzjonijiet identifikati fir-Rikors promotur.

Ikkunsidrat;

[6] Esebiti mill-attur fix-xhieda tat-8 ta' April 2024, Dok. SA5.

Illi l-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama jistipola stqarrijiet ippubblikati fil-midja m'humiex diffamatorji sakemm ma jikkawżawx jew huma kapaċi jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Il-prova tal-ħsara serja lir-reputazzjoni hija fondamentali għall-azzjonabbilita' tal-malafama taħt l-Att tant illi mingħajrha, l-istqarrijiet impunjati ma jistgħux jitqiesu li huma diffamatorji.

Illi bl-introduzzjoni tal-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna (u telf finanzjarju serju fil-każ ta' korp li jopera għal profitt) għall-prova tad-diffamazzjoni, **jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss it-tifsira gravi u diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati, iżda wkoll l-impatt negattiv fattwali ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet, jew il-potenzjalita' ta' impatt bħal dak**. Għalhekk, mhux biżżejjed li l-karattru diffamatorju tal-istqarrija impunjata jiġi stabbilit biss b'referenza għat-tifsira tal-kliem u t-tendenza inerenti tagħhom li jagħmlu ħsara lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Illum, għas-suċċess tal-azzjoni jeħtieġ addizzjonalment li l-persuna aggravata jiddemostra bħala fatt, anke permezz ta' inferenza ta' fatt, illi l-ħsara kkawżata mill-pubblikazzjoni kienet serja jew hi potenzjalment serja[7].

Skont Gatley:-

"*Whether the threshold of serious has been met is a multifactorial question, that ... will require the court to consider matters such as the* ***nature and the inherent gravity of the allegation****, whether the publication was oral or written,* ***the status and the number of publishees and whether the allegations were believed, the status of the publisher and whether this makes it more likely that the allegation will be believed*** *and the transience of the publication.*"[8] (enfasi tal-Qorti)

[7] *Ibid*. para. 21 tad-deċiżjoni.
[8] Gatley, *ibid*. 2.4, pg. 39.

Skont kif ġie mfisser fid-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit fil-każ ċelebri **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**, il-kriterji ġodda stabbiliti fl-artikolu 1 tad-Defamation Act (2013), li hu l-ekwivalenti tal-artikolu 3(4) tal-Att domestiku, għall-azzjonabbilita' tal-malafama, ifisser li llum jeħtieġ li jiġi ppruvat mhux biss in natura diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet pubblikati iżda wkoll l-impatt negattiv ikkaġunat b'effett tal-pubblikazzjoni:-

"*...The reference* [is] *to a situation where the statement "has caused" serious harm is to the consequences of the publication, and not the publication itself.* ***It points to some historic harm, which is shown to have actually occurred. This is a proposition of fact which can be established only by reference to the impact which the statement is shown actually to have had****. It depends on a combination of the inherent tendency of the words and their actual impact on those to whom they were communicated. The same must be true of the reference to harm which is "likely" to be caused.*"[9] (enfasi ta' din il-Qorti)

Min-naħa tagħhom, Duncan and Neil, f'*On Defamation*', ifissru l-proċess tad-determinazzjoni tal-element diffamatorju, hekk:-

"*there is, therefore, a two-stage process to determine whether a publication is 'defamatory' of a claimant. ... This involves ascertaining what meaning(s) the statement conveys and whether, in that meaning (or meanings), it has a defamatory tendency. A claim may fail at this stage. Secondly, it is necessary to determine whether publication of the statement has caused or is likely to cause, serious harm to the claimant's reputation. ...* "[10]

---

[9] Paragrafu 14 tad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tar-Renju Unit **Bruno Lachaux v. Independent Print Ltd et**.

[10] Page 34 4.08. Iżidu jgħidu li fost il-fatturi illi huma rilevanti għall-kwistjoni jekk il-ħsara (attwali jew probabbli) ikkawżata bil-pubblikazzjoni hija fil-fatt serja, insibu l-firxa u l-istatus tal-pubblikazzjoni u n-natura tal-udjenza, il-pożizzjoni tal-persuna aggravata, ir-rejazzjoni ta' dawk li lilhom l-istqarrija ġiet ippubblikata u kull effett attwali li din kellha fuq il-persuna aggravata. *Ibid.* para. 4.13, page 35/36.

Għalhekk, il-Qorti trid tgħaddi biex tistabbilixxi jekk il-kriterju ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur hijiex sodisfatta bil-prova li l-imputazzjonijiet li jitnisslu minn qari tal-pubblikazzjonijiet fihomx tifsira inerentement diffamatorja, u fl-affermattiv, jekk il-pubblikazzjoni tal-imputazzjonijiet b'tifsira diffamatorja, kellhiex impatt jew tendenza ta' ħsara serja fuq ir-reputazzjoni.

Illi għalhekk jinħtieġ qabel xejn li jiġu identifikati l-imputazzjonijiet li jitnisslu minn qari tal-artikoli impunjati mill-attur fir-Rikors. Billi l-artikoli jittrattaw l-istess materja ġenerali u ġew ippubblikati fuq is-sit elettroniku www.simonmercieca.com fuq medda ta' ġimgħa biss (għajr għall-artikolu pubblikat fis-16 ta' Settembru 2023 – Dok. E), il-Qorti, sabiex tidentifika l-imputazzjonijiet li saru fir-rigward tal-attur, sejra tqis l-artikoli pubblikati fil-11 ta' Ġunju 2023, 13 ta' Ġunju 2023, 14 ta' Ġunju 2023 u 18 ta' Ġunju 2023 bħala pubblikazzjoni waħda, u dik tas-16 ta' Settembru 2023 separatament.

Tibda biex tgħid, b'riferenza għal dak li l-attur fix-xhieda tiegħu iddeskriva bħala l-perċezzjoni tiegħu dwar il-ħsieb jew l-intenzjoni tal-awtur jew il-pubblikatur fil-pubblikazzjoni ta' ċerti allegazzjonijiet u asserzjonijiet, illi huwa prinċipju fondamentali fil-liġi tad-diffamazzjoni illi l-intenzjoni tal-pubblikatur hija irrilevanti għad-determinazzjoni tat-tifsira diffamatorja tal-kliem jew stqarrijiet impunjati, bħalma hija immaterjali wkoll il-falzita' o meno tal-imputazzjoni. Il-malizzja hija rilevanti biss fil-kuntest tad-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku u tal-pubblikazzjoni f'okkażjoni privileġġjata. Għalhekk, l-iskop tal-pubblikatur, inkluż dak li jiġu istigati l-impjegatur tiegħu Dr. Helena Dalli u l-Kummissjoni Ewropea biex jidħlu fil-mertu tal-allegazzjonijiet ħalli jkun hemm riperkussjonijiet negattivi fuq l-impieg tal-attur u jew fil-ħajja personali tiegħu, huwa irrilevanti biex jiġi determinat in-natura diffamatorja o meno tal-pubblikazzjonijiet.

Filwaqt li tabilħaqq teżisti presunzjoni ta' falsita' tal-istqarrija allegatament diffamatorja, għandu jingħad illi mhux kull stqarrija li hija falza hija wkoll neċessarjament diffamatorja, għaliex taħt l-artikolu 3(4) tal-Att, stqarrijiet m'humiex

diffamatorji sakemm ma jikkaġunawx, jew sakemm ma jkollhomx il-potenzjal li jikkaġunaw, ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna li ġġib ‘il quddiem l-azzjoni għal malafama.

Għalhekk, il-fatt li l-artikolu jista’ jkun "*miżgħud bi skorrettezzi dwar il-liġi u jinkudi doża ta’ omofobija u sterjotipar*", ma jfissirx li huwa libelluż.

Kif jikteb Gatley on Libel and Slander-

"*The question is not what the defendant intended, but what reasonable men, knowing the circumstances in which the words were published, would understand to be the meaning. ‘Liability for libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation’. ‘The question is not what the writer of an alleged libel means, but what is the meaning of the words he has used’. ‘It is not the defendant’s intention, or the meaning in his own mind, that makes the sense of the libel’ but ‘what was the meaning and inference that would naturally be drawn by reasonable and intelligent persons reading it’.*

M’huwiex lanqas il-kompitu tal-Qorti f’azzjoni għal malafama li tiċċensura l-istil tal-kitba jew in-nuqqas ta’ valur informattiv jew ta’ interess pubbliku tal-pubblikazzjoni, liema nuqqasijiet huma irrilevanti għad-determinazzjoni tal-element diffamatorju.

Kuntrarjament għal dak li qal l-attur fix-xhieda bl-Affidavit u dak li ġie sottomess għall-attur waqt it-trattazzjoni, il-Qorti ma taqbilx illi fil-pubblikazzjonijiet impunjati huwa ġie mgħajjar li huwa ħati li kkommetta reat kriminali – fil-pubblikazzjonijiet ġie dikjarat li l-Pulizija messhom investigaw u ressqu lill-attur dwar ir-reat ta’ reklamar ta’ prattiċi illegali ta’ konverżjoni għaliex għadda *link* bil-programm b’kontenut allegatament illegali, lil MGRM għaliex l-attur jista’ jitqies li kiser huwa wkoll l-istess dispożizzjoni tal-liġi li dwarha għamel ir-rapport lill-Pulizija fil-konfront ta’ terzi persuni. Ma saret ebda dikjarazzjoni li l-attur huwa ħati tar-reat u l-pubblikazzjonijiet qajla jistgħu jinftiehmu bħala dikjarazzjoni ta’ ħtija meta evidentement l-awturi

jikkritikaw il-fatt li l-attur la ġie investigat u wisq inqas prosegwit fir-rigward. Fil-fehma tal-Qorti, dikjarazzjonijiet bħal dawk li saru fil-pubblikazzjonijiet impunjati, m'humiex kapaċi jnissilu f'moħħ persuna raġjonevoli ta' intelliġenza ordinarja, l-imputazzjoni li l-attur huwa kriminal jew li huwa ħati li wettaq reat kriminali.

Il-Qorti ma taqbilx mal-attur lanqas meta fix-xhieda tiegħu iddikjara li d-deskrizzjoni tiegħu fl-artikoli bħala persuna "*tagħna lkoll*", hija libelluża għaliex tnissel konnotazzjoni derogatorja ta' persuna opportunista. Kif taraha l-Qorti mil-lenti tal-qarrej ordinarju u raġjonevoli, filwaqt li huwa minnu li r-riferenza għal persuna '*tagħna lkoll*' hija riferenza għall-għajta tal-Moviment Laburista qabel l-elezzjonijiet ġenerali tal-2013 biex għażliet għal karigi pubbliċi jkunu bbażati fuq meritokrazija minflok politika partiġġjana, ironikament, din l-espressjoni żvolġiet maż-żmien biex tintuża f'xi setturi tas-soċjeta', b'riferenza wkoll għal min ibbenefika taħt Gvern Laburista wara l-2013 minħabba l-affiljazzjonijiet politiċi tiegħu anziche' minħabba mertu. Iżda żgur li l-espressjoni ma tfissirx b'mod ġenerali li l-persuna hija ipokrita, oppportunista jew inkompetenti. Hija l-fehma tal-Qorti illi deskrizzjoni ta' persuna bħala "*tagħna lkoll*", fiha nnifisha u mingħajr imputazzjoni speċifika li l-persuna m'hijiex kwalifikata għall-pożizzjoni li ngħatat, jew hija inkapaċi għal dak ix-xogħol minħabba ineffiċjenza, nuqqas ta' ħila, esperjenza jew professonaliżmu jew xi kondotta ħażina, m'hijiex kapaċi tnissel inferenza ta' inkompetenza jew opportuniżmu.

Hawnhekk għandu jiġi senjalat illi l-attur innifsu xehed minn jeddu dwar il-karigi governattivi li kien jokkupa meta ġie lura Malta fl-2013 wara li ġie elett il-partit laburista fil-Gvern, fosthom fis-Segretarjat tal-Ministru Helena Dalli fejn ħadem biex jiġu introdotti liġijiet u politika li jiżguraw l-ugwaljanza, bħala Direttur tad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni fejn nieda strateġija nazzjonali favur l-ugwaljanza u integrazzjoni u in segwitu bħala Espert fil-Kabinett tal-Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza Helena Dalli. Iżda imkien fl-artikoli impunjati ma ntqal jew ġie implikat li l-attur m'huwiex kompetenti f'xogħolu jew mhux kwalifikat għall-

pożizzjoni li jokkupa – għall-kuntrarju ġie deskritt bħala "espert tal-ugwaljanza" li jaħdem fil-Kabinett tal-Kummissarju Ewropew Helena Dalli.

Ukoll, l-asserzjoni tal-attur illi persuni fi ħdan il-partit laburista jiddeskrivu bħala '*tagħna lkoll*' dawk il-persuni li daħlu fil-partit biss fl-2013 biex japprofittaw ruħhom mill-affiljazzjoni politika u m'humiex verament laburisti, tkompli turi li din it-tifsira ma tistax titqies li tirrappreżenta l-fehma tal-persuna ordinarja u raġjonevoli u tas-soċjeta' in ġenerali. Huwa prinċipju bażilari fil-liġi tad-diffamazzjoni illi l-kejl ta' dak li jitqies bħala diffamatorju għandu jkun il-kejl ta' persuni raġjonevoli fis-soċjeta' in ġenerali u mhux il-kejl ta' persuni li jifformaw settur partikolari fis-soċjeta'.

Fid-deċiżjoni **Readers Digest Services Pty Ltd. v. Lamb**[11], ċitat minn Collins[12], ingħad hekk:

"*The defamatory nature of an imputation is ascertained by reference to general community standards not by reference to sectional attitudes. But if the imputation is defamatory according to the standards of the community generally, a particular impact of the defamatory imputation may be proved.*"[13].

Din il-pożizzjoni hija wkoll imħaddna minn Duncan and Neil:-

"*the standard by which the gravity of the meaning is to be judged, and whether it has a defamatory tendency, ought to be that of reasonable members of society generally*."[14]

Il-qarrej ordinarju u raġjonevoli ("*the ordinary, reasonable reader*") għandu jitqies bħala persuna b'intelliġenza, esperjenza u ta' edukazzjoni ordinarja:-

---

[11] (1982) 150 CLR 50 (HCA).
[12] Collins on Defamation (2014 Ed.) p. 124, f.n. 87.
[13] **Jeynes v News Magazines Ltd** [2008] EWCA. Ukoll : "*It follows that it is not enough to say that by some person or another the words might be understood in a defamatory sense." ...*"
[14] *Ibid.*, – 4.13, p. 35.

"[he is] *neither perverse nor morbid nor suspicious of mind, nor avid for scandal. They do not live in ivory towers and can and do read between the lines in the light of their general knowledge and experience. They do not engage in over-elaborate analysis in the search for hidden meanings, nor do they adopt a strained or forced interpretation. They are not lawyers and their capacity for implication may be greater than that of lawyers.*"[15]

Id-dikjarazzjoni li l-attur huwa "*kelliem ewlieni ta' gvern korrott*" ma tfissirx u mingħajr iktar, ma twassalx imputazzjoni li l-attur huwa bniedem korrott. Bil-kelma korruzzjoni il-Qorti tqis li l-qarrej ordinarju ta' intelliġenza medja jifhem b'mod ġeneriku l-użu ħażin minn uffiċjali tal-gvern jew persuni pubbliċi jew politiċi, tas-setgħat u l-kuntatti tagħhom għall-gwadann finanzjarju personali tagħhom, billi jaġevolaw interessi li huma potenzjalment konfliġġenti mal-iskop primarju tal-istituzzjoni jew l-uffiċċju li jirrappreżentaw. Il-Qorti ma riskontrat ebda allegazzjoni, dikjarazzjoni jew implikazzjoni fl-artikoli impunjati li jagħti x'jifhem li l-attur irċieva xi flus jew rigal biex iwettaq dmirijietu jew li abbuża mill-pożizzjoni pubblika tiegħu għall-vantaġġ tal-interessi finanzjarji personali tiegħu. Konformement, id-dikjarazzjoni li huwa kelliem ta' gvern korrott - għad illi din id-dikjarazzjoni tista' ma tkunx korretta u anke jekk tinqara flimkien mad-dikjarazzjoni li huwa persuna "*tagħna lkoll*"[16] - ma għandhiex tifsira diffamatorja għaliex ma taddebita ebda kondotta illegali jew immorali lill-attur personalment.

F'kull każ, il-Qorti ma tqisx illi l-imputazzjoni ta' korruzzjoni, fir-rigward tal-attur, hija waħda li tinsilet raġjonevolment minn qari tal-assjem tal-artikoli pubblikati mill-konvenut, jekk ma tiżdiedx ukoll doża qawwija ta' spekolazzjoni u tiġbid tal-immaġinazzjoni. Iżda kif ġie ritenut fil-każ ċelebri **Jeynes v. News Magazines Ltd.**, fejn ġew elenkati l-kriterji rilevanti li għandhom jiġu applikati biex tiġi determinata l-imputazzjoni mnissla mill-pubblikazzjoni impunjata:

---

[15] **Hockey v. Fairfax Media Publications Pty Ltd.** (2015) FCA 652.

[16] Għaliex okkupa diversi rwoli fi ħdan l-amministrazzjoni governattiva tal-Gvern Laburista.

"*... (7) In delimiting the range of permissible defamatory meanings, the court should rule out any meaning which 'can only emerge as the product of some strained, or forced, or utterly unreasonable interpretation ...*"[17] (emfasi ta' din il-Qorti)

Huwa minnu li l-qarrej jifhem tabilħaqq illi l-attur ma ġiex investigat jew mixli mill-Pulizija b'rabta mar-reklamar ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni - u kwindi rċieva trattament favorevoli meta mqabbel ma' Matthew Grech (persuna li m'għadux jidentifika bħala omosesswali) u l-ġornalisti ta' PMNews Malta - minħabba l-affiljazzjoni, konnessjoni u kariga politika tiegħu mal-Gvern Laburista, iżda ma hemm xejn fl-artikoli li jissuġġerixxi li l-attur uża ħażin il-pożizzjoni politika tiegħu biex jagħmel ħsara lil ħaddieħor jew jeżerċita pressjoni indebita fuq il-Pulizija biex jieħdu jew ma jieħdux azzjoni kriminali dwar ir-reat ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni.

Kif taraha l-Qorti, l-inferenza naturali li tinsilet minn qari tal-istqarrijiet impunjati mill-attur, anke meħudin komplessivament, hi li l-Pulizija hija mistennija u għalhekk kellha timxi ma' kulħadd l-istess u għalhekk, meta ħareġ li l-attur, Silvan Agius, kien iddistribwixxa lil terzi *link* għall-programm b'kontenut allegatament illegali, kellhom jittieħdu proċeduri kriminali fil-konfront tiegħu wkoll għar-reat ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni. Iżda l-Pulizija ma ħadu ebda passi kontra l-attur u lanqas investigawh.

Minn dan il-qarrej malajr jifhem il-messaġġ mhux daqstant sottili fl-artikoli impunjati, illi huwa fatt li meta l-Pulizija jiġu biex jiddeċiedu jekk għandhomx jittieħdu passi kriminali kontra persuna għal xi reat taħt il-liġijiet favur l-ugwaljanza fl-orjentazzjoni sesswali jew espressjoni tal-ġenru, jieħdu in konsiderazzjoni jekk il-persuna tkunx tokkupa kariga politiċi taħt Gvern Laburista, liema gvern huwa magħruf għall-propagazzjoni u militazzjoni favur politika tal-ugwaljanza tad-drittijiet ta' persuni LGBTIQ. Iżda huwa daqstant ċar li din l-imputazzjoni saret fir-rigward tal-Korp tal-Pulizija b'mod ġenerali anziche' fil-konfront tal-attur Silvan Agius. Għalhekk, l-asserzjoni tiegħu li saret imputazzjoni illi huwa "*politiku b'influwenza fuq il-Pulizija*"

---

[17] **Jeynes v News Magazines Ltd** [2008] EWCA. Enfasi tal-Qorti.

filwaqt li tista' tkun f'lokha, tinftiehem, wara qari sħiħ tal-artikoli impunjati, fis-sens hawn fuq imfisser, ċioe' li l-kariga politika importanti li jokkupa l-attur fid-dikasteru tal-Kummissarju tal-Ugwaljanza Helena Dalli fejn jaħdem biex iwassal il-messaġġ tagħha għall-promozzjoni u l-avvanz tal-interessi ta' persuni LGBTIQ, huwa fattur determinanti fid-deċiżjoni tal-Pulizija li jieħdu azzjoni taħt il-liġijiet tal-ugwaljanza sesswali u tal-ġenru. L-imputazzjoni hi, kjarament, li l-attur huwa aġevolat mill-Pulizija għaliex il-Pulizija sistematikament jissokkombu għar-rieda tal-Gvern Laburista, mhux għaliex l-attur attivament għamel xi ħaġa biex jiggwadanja xi vantaġġ ("*justice doesn't apply to him*").

F'din it-tifsira ma hi riskontrabbli ebda addebitu speċifiku ta' kondotta ħażina da parti tal-attur, u l-Qorti ma identifikat ebda attakk fuq il-karattru morali tal-attur innfsu bid-dikjarazzjoni li huwa rċieva trattament favorevoli mill-Pulizija minħabba l-kariga politika li jokkupa taħt Gvern Laburista u għaliex huwa "'*tagħna lkoll' taħt id-dublett ta' Helena Dalli u Gabi Calleja".* Din l-espressjoni tal-aħħar li ntużat b'riferenza għall-attur, evidentement tiddeskrivh bħala xi ħadd li jservi lil ħaddieħor (mara) jew jieħu struzzjonijiet mingħandha. Iżda kien l-attur stess li stqarr li ġie impjegat f'kariga politika fuq prerogattiva tal-Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza Helena Dalli bħala espert fil-kabinett tagħha f'*position of trust*[18], filwaqt li huwa wkoll persuna gay u attivist tal-LGBTIQ, jieħu sehem f'oqsma soċjali għall-promozzjoni ta' drittijiet ta' ugwaljanza, u jwassal il-messaġġ ta' ugwaljanza partikolarment ta' nies LGBTIQ[19]. Għalhekk, xejn minn dan kollu m'hu diffamatorju jew kapaċi jikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur u l-użu ta' ton derogatorju fi stqarrijiet ta' opinjoni bażati fuq fatti veri, ma jibdilx l-istqarrija f'waħda diffamatorja.

Il-Qorti ma taqbilx lanqas illi l-qari tal-artikolu Dok. A u jew l-artikolu Dok. E, inissel imputazzjoni li l-attur huwa involut f'xi forma ta' konfoffa kontra Matthew Grech biex jagħmillu ħsara għaliex ma għadux jesprimi orjentazzjoni omosesswali, jew li uża l-kariga u konnessjonijiet politiċi tiegħu biex jippersegwixxi lil terzi jew biex

---

18 Paġna 128 tal-atti tal-kawża.

19 Gabi Calleja hija persuna pubblika magħrufa b'mod ġenerali bħala attivist tad-drittijiet LGBTIQ.

iġiegħel ill-Pulizija jmexxu b'azzjoni kriminali fejn ma kienx hemm lok għal dan. Dak li jifhem il-qarrej ordinarju huwa, kif diġa' ngħad qabel, illi l-Pulizija ma jimxux bl-istess kejl meta jiġu biex jinvestigaw persuni politiċi jew persuni li huma affiljati mal-Gvern Laburista, minkejja li l-attur ukoll jista' jitqies li mexa hu stess bi ksur tal-istess liġi li dwarha sar ir-rapport, bil-konsegwenza li l-ġustizzja ma tapplikax għal kulħadd ugwalment. Dan kolllu ingħad mingħajr ebda inferenza ta' kondotta speċifika da parti tal-attur li huwa għamel pressjoni fuq il-Pulizija biex ma jagħmlu jew ma jagħmlux xogħolhom.

Il-qarrej ordinarju jifhem li l-attur għamel rapport lill-Pulizija biex imexxu kriminalment kontra Matthew Grech u r-rappreżentanti ta' PMNews li xandru l-intervista miegħu, u l-Pulizija ħadu azzjoni effettiva u fil-pront, għad illi l-inferenza hija li din l-azzjoni ttieħdet minħabba l-konnessjonijiet tiegħu ma' persuni politiċi b'influwenza u għaliex kien il-persuna li imbotta u abbozza l-liġi taħt il-Kap. 567. Huwa fatt illi l-attur kien jaħdem bħala Direttur f'ministeru tal-Gvern Laburista u in segwitu bħala espert fil-kabinett tal-Kummissarju Ewropew Helena Dalli, u dan inissel inferenza li għandu agenda politika biex jippromwovi l-ugwaljanza permezz ta' liġijiet bħalma huma l-Att dwar l-Affermazzjoni dwar l-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġenru u l-Espressjoni tal-Ġenru (Kapitolu 567).

**Dan kollu premess iżda, il-Qorti minn qari tal-artikoli kollha fl-intier tagħhom, fehmet mingħajr wisq diffikolta' illi l-artikoli moqrijin komplessivament inisslu imputazzjoni ta' ċertu qies ta' ipokrisija da parti tal-attur għaliex ġie asserit li l-attur irrapporta lil terzi lill-Pulizija dwar kommissjoni tar-reat ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni taħt liġi li kellu sehem dirett fit-tfassil u promozzjoni tagħha, meta l-istess reat seta' kkommettih ukoll huwa stess b'reklamar tal-istess prattika illegali iżda b'impunita'.**

Illi bla tlaqiq il-Qorti tqis li l-imputazzjoni ta' ipokrisija għandha tifsira malafamanti għaliex tikkostitwixxi attakk fuq il-karattru morali tal-persuna aggravata u tnaqqaslu ġieħu f'għajnejn is-soċjeta' in ġenerali. Imputazzjoni li l-attur, persuna li jidentifika

ma' orjentazzjoni jew ġenru sesswali partikolari u li huwa wkoll il-pijonir ta' liġi li ġiet promulgata biex tirrikonoxxi u tassigura l-ugwaljanza bejn ġenri u orjentazzjonijiet sesswali differenti, jinqeda b'dik il-liġi u japplikaha fil-konfront ta' xi ħadd li evidentement ma jridx jibqa' jidentifika mal-istess ġenru bħall-attur, meta fl-istess waqt, l-attur innifsu wkoll għamel azzjoni bi ksur tal-istess liġi iżda l-effetti tal-liġi ma ġewx applikati fil-konfront tiegħu, għandha tifsira inerentement diffamatorja. *Multo magis* fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-attur, għaliex l-imputazzoni ta' ipokrisija tiskreditah bħala persuna kwalifikata fil-qasam tad-drittijiet tal-ugwaljanza tal-bniedem, li kellu sehem dirett fit-tfassil u l-introduzzjoni tal-liġi fl-ordinament ġuridku ta' pajjiżna kif ukoll bħala attivist għall-promozzjoni tal-vaur tal-ugwaljanza.

Skont Gatley, "*An imputation of hypocrisy is still likely to be treated as defamatory whether it means dishonest pretence or not living up to stated principles though an imputation of hypocrisy will frequently be treated as a statement of opinion*"[20]

Jispjega dan billi jikkummenta hekk:-

"*Is it defamation? ... There is a distinction between imputing what is merely a breach of conventional etiquette, and what is illegal, mischevous or sinful-between, in fact, matters of taste and matters of crime.*"[21]

Ukoll: "*It has been held to be defamatory to publish of a person that he is a '... swindler .... a greedy sinecurist, a crook, ... dishonest ... a hypocrite, ... or indiscreet or arrogant ...*"[22]

Fir-rigward tal-istqarrijiet fl-artikolu pubblikat mill-konvenut fis-16 ta' Settembru 2023 (Dok. E), il-Qorti ma tqisx li d-deskrizzjoni tal-attur bħala *bully* għaliex inkariga

[20] B'riferenza għal **Cook v. Telegraph** (2011) EWHC 1134 (QB).

[21] Gatley, *ibid.*, 2.20, p. 57. **Angel v. Bushell** (1968) 1 Q.B. 813-825. In tema ngħad ukoll: "... *it seems clear that one can draw a distinction between mere breaches of etiquette on the one hand and breaches of professional ethics or codes of conduct on the other: the latter are actionable even if the former are not.*"

[22] Gatley, *ibid.*, 2.28, p. 65/66.

avukat affiljat mal-fazzjoni progressiv tal-partit nazzjonalista biex jinterpella lill-konvenut ġudizzjarjament dwar il-pubblikazzjonijiet tiegħu li jikkonċernaw lill-attur, fiha tifsira gravi li għandha xi propensita' ta' ħsara serja lir-reputazzjoni. Kwantu għall-asserzjoni tal-konvenut li l-attur jimxi skont l-aġenda politika tal-Gvern Laburista, il-Qorti tqis illi tenut kont tal-karigi politiċi jew pubbliċi li jokkupa jew kien jokkupa l-attur fi ħdan l-isfera politika tal-Gvern Laburista, il-Qorti qajla tifhem kif dikjarazzjoni bħal dik jista' jkollha tifsira li hi kapaċi tikkaġuna ħsara serja lir-reputazzjoni ta' l-attur.

Ikkunsidrat;

Stabbilit li l-imputazzjoni ta' ipokrisija għandha tifsira inerentement diffamatorja, il-Qorti sejra tgħaddi biex tistħarreġ jekk ġiex ippruvat l-impatt ta' ħsara sejra, li jikkostitwixxi t-tieni kriterju li għandu jiġi sodisfatt għall-prova tan-natura diffamatorja tal-istqarrija impunjata.

Tibda biex tosserva illi l-artikoli kollha impunjati f'din l-azzjoni ġew ippubblikati mill-konvenut fuq sit elettroniku, ċioe' www.simonmercieca.com.

L-attur ma ressaqx provi biex jistabbilixxi l-firxa tal-pubblikazzjoni tal-blog tal-attur u b'mod partikolari tal-artikoli li qed jiġu impunjati bħala diffamatorji u ma hemm xejn fl-atti u l-provi li jagħti xi ħjiel tan-numru ta' qarrejja li kisbu aċċess elettroniku għal dawk l-artikoli fuq is-sit www.simonmercieca.com. Fl-istess waqt iżda, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi bħala professur tal-istorja fl-Universita' ta' Malta, ir-reputazzjoni tal-konvenut fuq livell akkademiku tikkontribwixxi biex tagħti xejra ta' korrettezza fattwali lill-kitbiet jew pubblikazzjonijiet tiegħu li b'hekk jingħataw mill-qarrejja ċertu qies ta' affidabbilita'.

L-attur jisħaq li l-artikoli tal-konvenut impunjati f'din il-kawża jikkaġunawlu ħsara lir-reputazzjoni għaliex jista' jkollhom impatt negattiv fuq xogħolu fejn ikun suġġett għal skrutinju istituzzjonali għoli mill-Kummissjoni Ewropea, mhux biss għaliex

bħala persuna li ġiet appuntata għal kariga politika fil-kabinett tal-ministri, huwa obbigat li jieħu ħsieb ir-reputazzjoni tal-Kummissjoni f'kull ħin, iżda wkoll għaliex l-impieg tiegħu huwa wieħed prekarju. Madankollu, l-attur baqa' ma weriex sodisfaċjentement li l-pubblikazzjonijiet tal-konvenut kellhom xi impatt negattiv storiku fuqu jew fuq l-impieg tiegħu, jew il-potenzjalita' ta' xi impatt negattiv. Fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-attur kellu kuntratt temporanju u l-impieg tiegħu huwa ta' natura prekarja ma jiswix bħala prova dwar fatt storiku ta' impatt negattiv – kemm hu hekk huwa stess xehed li l-kuntratt tiegħu sejjer jiġi terminat għaliex it-terminu tal-Kummissjoni Ewropeja ta' dak iż-żmien kien wasal biex jiskadi.

Iktar minn hekk, il-fatt illi fir-rwol tiegħu bħala uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea l-attur huwa marbut b'sett ta' regolamenti[23], inkluż ir-regolament li għandu jiddesisti minn kull azzjoni jew imġieba li tista' tinċidi negattivament fuq il-pożizzjoni tiegħu, ma jfissirx li l-pubblikazzjoni ta' kull allegazzjoni jew imputazzjoni falza jew mhux korretta dwar il-kondotta tiegħu hija wkoll diffamatorja, għaliex biex jiġi stabbilit l-element diffamatorju, jinħtieġ il-prova li l-istqarrijiet impunjati ikkaġunaw jew huma kapaċi jikkaġunaw ħsara serja lir-reputazzjoni tal-persuna aggravata. Kif taraha l-Qorti, kull impieg fis-settur pubbliku amministrattiv huwa regolat bi standards dwar l-imġieba mistennija mingħand l-uffiċjali u l-pubblikazzjoni ta' allegazzjoni, u fehmiet ta' terzi persuni dwar il-kondotta ta' uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea żgur ma jiswewx bħala prova li l-attur mexa bil-kondotta jew imġieba addebitata lilu bi ksur tar-regolamenti. Konformement, mingħajr prova li l-Kummissjoni, u jew il-Kummissarju li jservi, wissewh dwar il-kondotta tiegħu jew qiesu l-allegat kondotta bħala ksur potenzjali tar-regolamenti jew tal-kodiċi tal-etika tal-uffiċjali, fehmiet bħal dawk ma jistgħux jitqiesu bħala impatt ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tal-attur. Kemm hu hekk, il-European Commission Ethics Guide (section 4, Part 2), ma jqisx xejn inqas mis-sejbien ta' ħtija għal xi delitt jew reat kriminali, bħala aġir jew kondotta li huwa bi ksur tal-istandards etiċi tal-Kummissjoni.

[23] Staff Regulations of Officials – Regulation No. 31 EEC.

L-attur jisħaq ukoll illi l-fatt li saru konversazzjonijiet dwar il-pubblikazzjonijiet tal-konvenut, ifisser li kien hemm impatt ta' ħsara b'effett tal-istess pubblikazzjoni. Madanakollu, jeħtieġ li l-impatt ikun ta' ħsara serja jew mill-inqas jiġi ppruvat fatt jew fatti li jnisslu inferenza ta' ħsara serja, iżda l-attur afferma li l-unika konversazzjoni li kellu dwar il-pubblikazzjonijiet impunjati kienet mal-Kummissarju li timpjegah, Helena Dalli, u ma elaborax dwar l-eżitu tal-konversazzjoni u fi kwalsiasi każ, ma jirriżultax kienx hemm iktar konsegwenzi tal-pubblikazzjoni safejn jolqtu l-attur.

Kollox magħdud, il-Qorti m'hijiex sodisfatta li l-attur ġieb provi biżżejjed biex isawru inferenza ta' fatt li saret jew tista' ssir ħsara sejra lir-reputazzjoni tiegħu.

Hemm ukoll x'jiġi kkunsidrat il-fatt li l-attur huwa persuna li fiż-żmien tal-pubblikazzjonijiet u qabel, kien jokkupa karigi politiċi jew pubbliċi li jesiġu kontabbilita' u għalhekk, kellu jistenna, raġjonevolment, li l-aġir tiegħu jkun soġġett għal skrutinju pubbliku, *multo magis* l-aġir tiegħu in konnessjoni ma' liġi dwar materja sensittiva li *ex admissis*, kien involut direttament fl-abbozzar u promozzjoni tagħha meta kien jaħdem fis-segretarjat tal-Ministru Helena Dalli[24]. Konformement, l-attur huwa mistenni jittollera kritika u sindikar tal-azzjonijiet tiegħu (f'dan il-każ ir-rapport li għamel lill-Pulizija dwar ir-reat ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni u t-tixrid ta' materjal b'kontenut possibbilment illegali) b'riferenza għar-rwol tiegħu fil-politika favur l-ugwaljanza, iktar u iktar u meta dik l-attivita' jidher li seta' kien bi ksur tal-liġi li huwa stess kien għen ifassal u jdaħħal fil-kotba tal-istatuti f'Malta, u bi ksur ukoll tal-prinċipju ta' ugwaljanza li jħaddan u jippromwovi fit-trattament ta' persuni ta' ġenri differenti.

Għaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li hija sodisatta li l-pubblikazzjonijiet inisslu imputazzjoni b'tifsira inerentement diffamatorja fil-konfront tal-attur, m'hijiex sodisfatta li l-attur irnexxilu jipprova fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbilitajiet xi impatt negattiv ta' ħsara serja b'riżultat tal-pubblikazzjonijiet tal-konvenut jew il-

[24] L-attur xehed illi f'dak l-impieg kien ħadem biex "*jiġu introdotti liġijiet u politika li jiżguraw l-ugwaljanza, inkluż dawk li jikkonċernaw iż-żwieġ indaqs, ir-rikonoxximent tal-identita' tal-ġenru u kontra l-vjolenza abbażi tal-ġenru u l-vjolenza domestika*".

probabbilita' li tiġi kkaġunata ħsara bħal dik lir-reputazzjoni tiegħu u għalhekk mhux ippruvat kif imiss l-element diffamatorju kif maħsub fl-artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Ikkunsidrat;

Illi anke jekk tasal biex taċċetta għal mument li l-attur seħħlu jipprova li kien hemm impatt ta' ħsara serja lir-reputazzjoni tiegħu b'riżultat tal-pubblikazzjoni tal-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża – li kif rajna inisslu tifsira diffamatorja - il-Qorti xorta waħda trid tistħarreġ l-eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta safejn eċċepixxa li l-istqarrijiet jew uħud minnhom jikkostitwixxu "*fair comment*" ibbażat fuq fatti sostanzjalment korretti, anke tenut kont tax-xhieda voluminuża li nġiebet fl-atti proċesswali.

Il-Qorti tibda biex tosserva illi d-difiża ta' *fair comment* ma kienetx kontemplata espressament fil-Liġi dwar l-Istampa (Kap. 248), iżda kienet rikonoxxuta u msawra mill-ġurisprudenza. Għalkemm din id-difiża ma tissemmiex lanqas fl-Att dwar il-Midja u l-Malafama, ġiet, minflok, kodifikata statutorjament bħala d-difiża tal-"*opinjoni onesta*"[25] u tinsab regolata mill-istess kriterji identiċi li jsawru d-difiza magħrufa bħala *honest opinion* fid-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 3 tad-Defamation Act (UK) 2013. Iżda għalkemm huma applikabbli għal din id-difiża kriterji iktar wiesa' minn dawk li kienu ġew żviluppati mill-ġurisprudenza għas-suċċess tad-difiża tal-*fair comment*[26] – naturalment bil-għan li jkompli jiġi aġevolat il-liberta' tal-espressjoni - hu ovvju illi d-difiża tal-opinjoni onesta effettivament tirrappreżenta dik li qabel kienet tissejjaħ *fair comment*[27] u ma għandhiex titqies bħallikieku hija xi kunċett novell jew difiża separata minn dik tal-kumment ġust.

---

[25] Artikolu 4(2) tal-Kap. 579.

[26] Diversament mill-fair comment, l-opinjoni onesta tista' tiġi mqajma bħala difiża anke jekk il-kumment impunjat ma jkunx sar dwar materja ta' interess pubbliku ġenerali.

[27] Collins jgħid hekk fir-rigward tad-difiża ta' "*honest opinion*":- "*... the common law defence of fair comment has been abolished .... and* ***replaced with a statutory defence of honest opinion that is intended for the most part to reflect the common law***."[27] [enfasi tal-Qorti]

Għalhekk jinħtieġ li l-eċċezzjoni ta' "*fair comment*" sollevat mill-konvenut fir-Risposta tiegħu, tiġi trattata bħala eċċezzjoni ta' opinjoni onesta a tenur tal-Artikolu 4(2) tal-Att.

Illi biex tiġi sollevata b'suċċess id-difiża tal-opinjoni onesta, irid jintwera illi d-dikjarazzjoni li dwarha tkun saret l-ilment, hija dikjarazzjni ta' opinjoni.

Jinsab ritenut illi:-

"*A statement might be either a statement of fact or an expression of opinion depending on the context. The form in which the statement appeared and the style adopted by the publisher will often be decisive.*
...
*Some assertions of fact may be defended as expressions of opinion, **if they are in the nature of deductions of conclusions arrived at by the publisher from other facts which are sufficiently stated or indicated**, where it will be obvious to the reasonable person that the publisher could not have had direct knowledge of the matter stated and must have been expressing a view or inference*"[28] [enfasi tal-Qorti]

Il-Qorti tqis li l-istqarrijiet impunjati f'din il-kawża li meħudin fl-assjem tagħhom inisslu imputazzjoni b'tifsira malafamanti, jikkostitwixxu l-fehma tal-awtur tal-artikoli pubblikati mill-konvenut, dwar l-implikazzjonijiet tal-aġir tal-attur meta rrapporta lil Matthew Grech u lill-ġornalisti ta' PMNews Malta għar-reat ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni f'ċirkostanzi fejn l-attur stess, attivist tad-drittijiet ta' ugwaljanza u LGBTIQ li, bħala parti mill-ħidma tiegħu għall-promozzjoni tal-politika tal-Gvern Labursita, għen jintroduċi l-liġi fl-ordinament ġuridiku ta' pajjiżna, wettaq att li wkoll seta' kien bi ksur ta' dik il-liġi, iżda meta ma rrapportax lilu nnifsu lill-Pulizija u ma

[28] Collins, 9.12 p. 192.

ġiex prosegwit għall-istess reat, jikkonsegwi li mhux qed jimxi skont il-prinċipju tal-ugwaljanza li suppost iħaddan[29].

Bħala dikjarazzjonijiet ta' opinjoni għall-fini tal-artikolu 4(2)(a) tal-Kap. 579, u mhux stqarrijiet ta' fatt, l-istqarrijiet li jnisslu l-imputazzjoni ta' ipokrisija huma opponibbli bid-difiża tal-opinjoni onesta hija opponibbli għall-azzjoni.

Huwa ppruvat ukoll, għall-fini tal-artikolu 4(5) tal-Att li l-attur huwa persuna pubblika għaliex fiż-żmien tal-pubblikazzjonijiet impunjati, kien jokkupa pożizzjoni ta' fiduċja f'materja ta' interess pubbliku generali ċioe' fil-kabinett tal-Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza[30], u l-fatti attribwiti lilu jirreferu għat-twettiq ta' dik il-professjoni[31], u għalhekk l-azzjoni hija opponibbli bid-difiża tal-opinjoni onesta.

Irid jintwera wkoll, skont il-paragrafu (b) tal-artikolu 4(2) tal-Att, illi d-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment indikat, kemm f'termini ġenerali jew speċifiċi, il-bażi tal-opinjoni u fil-fehma tal-Qorti l-bażi tal-opinjoni tal-pubblikatur tal-artikoli impunjati hija indikata b'mod skjaċċanti fid-dikjarazzjonijiet li saru fl-istess artikoli.

Biex jirnexxi f'din id-difiża, il-konvenut jeħtieġlu jipprova addizzjonalment illi persuna onesta setgħet ikollha dik l-opinjoni abbażi ta' –

(i) kwalunkwe fatt li **eżista fiż-żmien** li fih id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment kienet ippubblikata; jew
(ii) kull ħaġa affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata ppubblikata **qabel** id-dikjarazzjoni li dwarha jkun sar l-ilment. (enfasi tal-Qorti)

---

29 Din il-fehma tinsab manifestata *inter alia* fis-segwenti silta fl-artikolu miktub u pubblikat mill-konvenut fis-16 ta' Settembru 2023 (Dok. E):- "*Għalhekk ktibt u nerġa' nikteb li kull ma qed jagħmel Silvan Agius qed jagħmlu b'aġenda politika. Għandu kull dritt jagħmlu imma mbagħad ma jistax juża l-liġijiet oxxeni li l-Ewropa imponiet biex tagħlaq ħalq min jikkritika lill-idjokreziji li jgħidu nies bħal Agius, għaliex jaħsbu li minħabba li huma gay, saru baqar sagri*."

30 Art. 4(5)(e) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

31 Artikolu 4(5)(ċ) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Dan ifisser illi l-konvenut jeħtieġlu juri – b'wieħed mill-mezzi msemmija fil-paragrafi (i) jew (ii) tal-artikolu 4(2)(ċ) tal-Att - li jkun eżista xi fatt indipendenti fiż-żmien tal-pubblikazzjoni, jew dikjarazzjoni affermata bħala fatt f'dikjarazzjoni privileġġjata, li abbażi tagħhom persuna onesta setgħet qablet mal-espressjoni tad-dikjarazzjoni fil-pubblikazzjoni tiegħu[32]. Mhux meħtieġ li l-konvenut jipprova l-verita` sostanzjali ta' **kull** allegazzjoni ta' fatt li fuqha tinsab imsejsa l-opinjoni, **basta jagħti sostenn fattwali suffiċjenti lill-imputazzjoni**: f'dan il-każ, l-opinjoni li l-attur ma mexiex skont il-prinċipji li jippropaga għaliex instiga t-teħid ta' proċeduri kriminali fil-konfront ta' terzi persuni għal reat kriminali taħt liġi li għen ifassal u jippromwovi, iżda ma rrapportax lilu nnifsu meta għamel hu stess, att li jinkwadra fid-definizzjoni wiesa' ta' l-atti li jikkostitwixxu l-istess reat kriminali u b'hekk, ma mexiex skont il-prinċipji u l-valuri ta' ugwaljanza propagati minnu bħala persuna b'kariga politika fis-settur tal-ugwaljanza u bħala attivist favur drittijiet LGBTIQ.

Kif ingħad qabel, fiż-żmien tal-pubblikazzjoni tal-intervista minn PMNews Malta, fis-6 ta' April 2022 u fiż-żmien meta l-attur qassam ma' terzi persuni li huma affiljati mal-komunita' LGBTIQ fuq Facebook, il-*link* b'aċċess għall-istess intervista, il-liġi ma kienetx tipprovdi definizzjoni tal-atti materjali li jikkostitwixxu r-reklamar ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni. Fl-artikoli li ġew ippubblikati mill-konvenut, issir riflessjoni kritika tal-mod kif ġiet imfassla l-liġi li ma pprovdiet ebda definizzjoni tal-att materjali ta' reklamar biex jiġu esklużi, imqar abbażi ta' kriterji oġġettivi, atti bħal wiri jew ċirkolazzjoni li ma jkunux intiżi bħala reklamar ta' prattiċi ta' konverżjoni. Bħala parti minn din il-kritika, u biex tkompli tiġi illustrata, skont il-pubblikatur tal-artikoli impunjati, l-assurdita' tal-liġi kif imfassla bl-intervent dirett tal-attur Silvan Agius li dak iż-żmien kien inkarigat bħala Direttur fil-Ministeru tal-Ugwaljanza, saret riferenza għat-testimonjanza tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni li xehdu fil-proċeduri

[32] Din il-fehma Collins jibbażaha fuq il-premessa li:- "*The section 3 defence* [l-ekwivalenti tal-Artikolu 4(2) tal-Att) … *liberalizes the law quite radically. It will seemingly be open to defendants, in order to establish the third condition for the operation of the defence, to fish around for facts, or matters asserted to be facts in privileged statements, even if those facts or matters were not known to them at the time they expressed their opinions* …" – Collins On Defamation, *supra* 9.32 p. 198.

kriminali li ġew istitwiti fil-konfront ta' Matthew Grech, u l-ġornalisti ta' PMNews Malta li organizzaw u xandru l-intervista, għar-reat ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni. Minn din ix-xhieda irriżulta li l-attur, il-promotur innifsu tal-liġi li tikkriminalizza prattiċi illegali ta' konverżjoni, kien iċċirkola *link* b'aċċess għall-intervista b'kontenut allegatament illegali, fuq il-paġna fuq Facebook ta' MGRM.

Ġie asserit fil-korp tal-artikoli, moqrijin flimkien, illi l-attur messu ġie investigat mill-Pulizija għall-istess reat li dwaru rrapporta lil Matthew Grech u l-ġornalisti ta' PMNews Malta, għaliex bl-azzjonijiet tiegħu huwa wkoll għamel riklam tal-materjal illegali bi ksur tal-artikolu 3 tal-Att dwar l-Affermazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġenru u l-Espressjoni tal-Ġenru. Ġie dikjarat ukoll illi għalkemm l-attur huwa attivist favur l-ugwaljanza, ma ġiex investigat mill-Pulizija u mixli taħt il-liġi in kwistjoni għaliex huwa persuna '*tagħna lkoll*' li fir-rigward tagħhom il-Pulizija ma japplikawx l-istess kejl ta' ġustizzja u ugwaljanza bħalma jiġi applikat fir-rigward ta' persuni oħrajn bħal ġornalisti u Matthew Grech.

Il-pubblikaturi u awturi tal-artikoli impunjati evidentement jistmerru l-aġir tal-attur, persuna b'orjentazzjoni omosesswali li uża l-forza tal-liġi li ppromwova u ħadem biex idaħħalha hu stess meta kien Direttur fil-Ministeru għall-Ugwaljanza, biex jiġu mixlijin bir-reat ta' reklamar ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni, żewġ ġornalisti ta' stazzjon televiżiv żgħir u l-intervistat tagħhom li tkellem fuq l-esperjenza tiegħu bħala persuna bi passat omosesswali, iżda fl-istess nifs, l-attur xerred huwa stess il-materjal allegatament illegali billi ttrasmettih fuq midja soċjali lil terzi persuni fil-komunita' LGBTIQ li huma skont il-konvenut, fost l-iktar persuni suxxettibbli għat-tixrid u promozzjoni ta' prattiċi ta' konverżjoni.

L-attur ma jaqbilx ma' din il-fehma, u filwaqt li jistqarr espressament[33] li hu kien għamel rapport lill-Pulizija dwar il-programm bl-intervista ta' Matthew Grech, u li l-Pulizija kienu pproċedew fuq dak ir-rapport b'azzjoni kriminali fil-konfront tal-istess Matthew Grech u l-ġornalisti, jiċħad li kien ippromwova l-programm fost il-komunita'

[33] Ara xhieda tal-attur tal-25 ta' Lulju 2024.

LGBTIQ meta ttrasmetta *link* dwaru lil membri tal-MGRM, fosthom ċertu Christian Attard u Joe Grima. Fix-xhieda tiegħu l-attur ilmenta illi l-konvenut interpreta ħażin l-azzjonijiet tiegħu bħala atti li jikkostitwixxu reklamar ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni, li huwa r-reat taħt l-artikolu 3 tal-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġenru u l-Espressjoni tal-Ġenru (Kap. 567).

Il-Qorti mhijiex sejra tistħarreġ jew tiġġudika jekk l-attur ikkommettiex ir-reat taħt l-artikolu 3 tal-Kap. 567 jew jekk it-trasmissjoni tal-programm kontenenti materjal allegatament illegali taħt l-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġenru u l-Espressjoni tal-Ġenru permezz ta' *link* mibgħut mill-attur fuq Facebook lil persuni fi ħdan l-MGRM, tikkostitwixxix reklamar, tixrid jew xi att ieħor ipprojibit taħt l-istess Att punibbli bħala reat kriminali. L-interpretazzjoni tal-kliem tal-liġi fl-artikolu 3 tal-Kapitolu 567, u jekk dawn għandhomx jingħataw tifsira estensiva jew ristrettiva u l-applikazzjoni ta' dik it-tifsira għall-fattispeċje tat-trasmissjoni mill-attur lil terzi tal-*link* dwar il-programm b'kontenut illegali, tispetta lill-qorti li tkun imsejħa skont il-każ biex tiġġudika lill-attur iżda żgur mhux lil din il-Qorti. Deċiżjoni bħal dik teżorbita mill-funzjonijiet ta' din il-Qorti kif ukoll mill-funzjonijiet speċifiċi tagħha f'azzjoni għal malafama, fejn għandu jiġi deċiż biss jekk l-istqarrijiet tal-konvenut humiex diffamatorji skont il-liġi u fl-affermattiv, jekk id-difiża li biha tiġi opposta l-azzjoni hijiex f'lokha. Applikat dan għall-fattispeċje tal-każ quddiemha, l-istħarriġ tagħha hija arġinata għad-determinazzjoni dwar jekk il-fehma imħaddna mill-konvenut (bħala awtur u jew pubblikatur tal-artikoli impunjati) illi l-attur juri wiċċ b'ieħor għar-raġunijiet diġa' mfissrin iktar qabel, hijiex protetta fil-qafas tal-jedd għal-liberta' tal-espressjoni bħala waħda li setgħet ikollha persuna onesta ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama.

Il-Qorti għalhekk sejra tibda biex telenka dak li ġie stabbilit mill-provi proċesswali.

- Fix-xhieda tiegħu fil-proċediment kriminali **Il-Pulizija v. Matthew Grech et**, l-attur iddikjara li huwa kwalifikat fil-materja tad-drittijiet tal-ugwaljanza u li

meta kien jokkupa l-pożizzjoni ta' Direttur fil-Ministeru għall-Ugwaljanza, kien ħadem direttament fuq il-liġi li tikkriminalizza prattiċi ta' *gay conversion therapy*, taħt liema liġi ġew akkużati Matthew Grech u l-ġornalisti ta' PMNews Malta, ċioe' l-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġenru u l-Affermazzjoni tal-Ġenru (Kap. 567).

- L-attur jaqbel li huwa rrapporta lil Matthew Grech lill-Pulizija dwar ix-xandir fuq Facebook u fuq Youtube tal-intervista li ta lill-ġornalisti ta' PMNews Malta, għaliex dehrlu li l-programm imxandar fuq il-Facebook page ta' PMNews Malta kellu jiġi meqjus bħala reklamar ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni, li huwa reat kriminali taħt l-artikoliu 3 tal-Att dwar l-Espressjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġenru u l-Affermazzjoni tal-Ġenru (Kap. 567)[34].
- Jirriżulta mill-provi li f'dik l-intervista, Matthew Grech tkellem dwar l-esperjenza spiritwali tiegħu li għenitu jwarrab l-omosesswalita' tiegħu għaliex emmen bħala Kristjan fil-Kelma t'Alla.
- L-attur afferma wkoll li bagħat il-*link* bl-intervista ta' Matthew Grech tas-6 ta' April 2022, permezz ta' Facebook lil terzi persuni involuti fil-Malta Gay Rights Movement: "*jiena l-link issharejajtu ma' individwi li eventwalment waslu biex jagħmlu rapport lill-Pulizija*". Minn eżami ta' Dok. CC2 jirriżulta illi l-MGRM irċieva l-*link* mibgħut mill-attur fuq Facebook *chat* tal-istess MGRM, u dan mingħajr ebda spjega li l-filmat kien qed jintbagħat biex issir denunzja dwar il-programm lill-Pulizija[35]. Fix-xhieda tiegħu matul il-proċediment kriminali fil-konfront ta' Matthew Grech u l-preżentaturi ta' PMNews Malta, l-attur xehed li bagħat il-*link* ukoll lil Christian Attard u lil ċertu Joe Grima.
- Jirriżulta mix-xhieda ta' Cynthia Chircop illi dan il-programm wasal għandha minn xi membru tal-MGRM li kien irċevih mingħand l-attur, Silvan Agius, u daħlet fuq il-*link* li pprovda l-attur u meta ratu, ħassitha vulnerabbli u konfuża u

[34] Art. 3 (Kap. 567): '*Dawn li ġejjin jitqiesu bħala reati kriminali – (a) li xi persuna: (i) twettaq prattiċi ta' konverżjoni fuq persuni vulnerabbli; jew (ii) twettaq prattiċi ta' konverżjoni b'mod involontarju u, jew sfurzat fuq persuna; jew (iii) tirreklama prattiċi ta' konverżjoni;*'

[35] Fix-xhieda tiegħu l-attur qal li għadda *link* lil MGRM sabiex il-membri jsiru konxji mill-programm u jesploraw jekk huma wkoll iridux jagħmlu rapport kontra l-promozzjoni ta-prattika illegali.

iddeċidiet li tagħmel rapport dwaru lill-Pulizija. Xehdet ukoll li t-*target audience* ta' reklamar ta' prattiċi ta' konverżjoni huma persuni LGBTIQ għaliex huma persuni vulnerabbli fil-komunita' minħabba li huma soġġett b'mod ġenerali għal *bullying*, vjolenza, tiċħid tal-identita' tagħhom u diskriminazzjoni[36].

- L-artikolu 3 tal-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġenru u l-Espressjoni tal-Ġenru, jiddisponi li huwa reat kriminali li xi persuna "*tirreklama prattiċi ta' konverżjoni*". Fiż-żmien tax-xandir tal-programm ossia intervista' fuq PMNews Malta fis-6 ta' April 2022, l-element materjali konsistenti fir-reklamar tal-prattiċi tal-konverżjoni ma kienx imfisser permezz ta' definizzjoni espressa tal-kelma "reklamar" iżda in segwitu, fl-4 ta'April 2023 daħal fis-seħħ l-Att XIII tal-2023 li introduċa tifsira espressa tal-kelma "tirreklama" għall-fini tar-reat ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni, liema tifsira jagħmilha ċar li mhux kull xorta ta' tixrid jew ċirkolazzjoni jew wiri ta' materjal jikkostitwixxi "reklamar":-

  '*"tirreklama" tfisser il-pubblikazzjoni, il-wiri, it-tixrid, il-promozzjoni, ir-riferiment, iċ-ċirkulazzjoni ta', jew l-awtorizzazzjoni għall-pubblikazzjoni, wiri, tixrid, promozzjoni, riferiment jew ċirkulazzjoni ta' kwalunkwe materjal magħmul bi kwalunkwe mezz li jindika, jew jista' raġonevolment jinftiehem li jindika, li l-persuna li qiegħda tirreklama jew tawtorizza r-reklamar tkun involuta fi prattiċi ta' konverżjoni, jew qiegħda tiddeskrivi, tapprova, jew tippromwovi b'mod favorevoli prattiċi ta' konverżjoni*.'

Minn dan kollu jikkonsegwi illi l-istqarrija fil-pubblikazzjonijiet impunjati illi l-attur iddenunzja lil Matthew Grech u l-preżentaturi ta' PMNews Malta lill-Pulizija b'rabta max-xandira ta' programm b'kontenut allegatament illegali, u li abbażi ta' dik id-denunzja fost oħrajn, il-Pulizija pproċedew b'azzjoni kriminali kontra Matthew Grech, Mario Camilleri u Rita Sciberras, hija fattwalment korretta. Hija wkoll fattwalment

[36] Xhieda tad-9 ta' Ġunju 2023 fil-proċediment **Il-Pulizija v. Matthew Grech et** (ara nota ppreżentata fil-5 ta' Mejju 2025).

korretta d-dikjarazzjoni li l-attur ittrasmetta fuq Facebook, *link* għal programm b'kontenut allegatament illegali għal-finijiet tal-Att dwar l-Affermazzjoni tal-Orjentazzjoni Sesswali, l-Identita' tal-Ġenru u l-Espressjoni tal-Ġenru, lil persuni oħra fil-komunita': ġie affermat espressament mill-attur fix-xhieda tiegħu li huwa kien iċċirkola l-*link* tal-programm fuq il-paġna fuq Facebook ta' MGRM.

Il-Qorti tosserva wkoll illi l-attur, *ex admissis*, iddeskriva ruħu bħala espert fuq l-ugwaljanza u xehed ukoll huwa stess li għamel diversi snin jieħu sehem f'oqsma soċjali għall-promozzjoni ta' drittijiet ta' ugwaljanza, u jwassal il-messaġġ ta' ugwaljanza partikolarment ta' nies LGBTIQ, kif ukoll jaħdem fil-*policy-making* nazzjonali u Ewropea fil-qasam tal-ugwaljanza. Fl-istess waqt, kif diġa' ġie stabbilit, huwa fatt inkontestat li l-attur ittrasmetta *link* fuq Facebook lil terzi persuni, b'aċċess għall-istess programm b'kontenut illegali li dwaru irrapporta lil Matthew Grech u l-organizzaturi tal-programm, lill-Pulizija għar-reat ta' reklamar ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni.

Huwa wkoll minnu li dak iż-żmien, l-att ta' 'reklamar' fl-artikolu 3 tal-Kap. 567 ma kienx limitat permezz ta' xi definizzjoni u għalhekk seta' jinkludi fih kull forma ta' pubbliċita' u tixrid ta' informazzjoni – tant hu hekk li f'April 2023 l-Att ġie emendat unikament biex tiddaħħal definizzjoni li llimitat l-iskop tal-att ta' reklamar għal persuni li huma involuti fi prattiċi ta' konverżjoni jew jiddeskrivu dawk il-prattiċi b'mod favorevoli. Madankollu, fiż-żmien tat-tixrid tal-*link* bil-programm ta' PMNews Malta, il-liġi ma kienetx tillimita tal-att ta' reklamar biss għal persuni li jaġixxu b'element formali speċifiku.

**Minn dan kollu l-Qorti tqis illi abbażi tal-fatti ppruvati, ma hemm xejn li raġjonevolment jeskludi lill-qarrej tal-artikoli milli jesprimi l-fehma illi l-att ta' trasmissjoni lil persuni oħrajn permezz ta' Facebook ta' *link* għall-programm b'kontenut allegatament ipprojibit, seta' jinqabad bit-tifsira wiesa' ta' 'reklamar' li ma kienx definit b'mod espress fil-liġi kif kienet fis-seħħ dak iż-żmien. Konformement, tqis ukoll illi persuna onesta, rinfaċċjata bil-fatt, ukoll stabbilit,**

**illi l-attur irrapporta lill-Pulizija persuni (inkluż persuna li ma kienetx għadha tidentifika bħala persuna omosesswali) għaliex xerrdu l-istess programm li in segwitu huwa wkoll qassam separatament lil persuni oħrajn - persuni vulnerabbli għal prattiċi ta' konverżjoni – tista' tesprimi l-fehma li l-attur ma applikax għalih innifsu l-istess riga li uża fil-konfront ta' persuna li ma riditx tidentifika iktar bħala persuna omosesswali, u b'hekk lanqas ma mexa skont il-prinċipji li bħala espert fil-qasam tal-ugwaljanza, jiġu propagati minnu stess.**

Minn dan jikkonsegwi wkoll illi l-istqarrija tal-fehma li l-azzjonijiet tal-attur setgħu jikkostitwixxu r-reat ta' reklamar ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni, u l-Pulizija messhom għalhekk investigaw mhux biss lil Matthew Grech u ż-żewġ ġornalisti li intervistawh u pproduċew il-programm b'kontenut allegatament illegali, iżda wkoll lill-attur innifsu, għandha bażi fattwali.

Abbażi ta' dawn il-fatti, il-Qorti ma tistax tikkundanna u tissanzjona l-espressjoni tal-fehma pubblikata mill-konvenut, li skont il-kejl tal-attur u tal-liġi b'firxa ta' applikazzjoni eċċessivament wiesa' li huwa stess kien għen ifassal u jdaħħal fis-sistema legali domestika, kellu mill-inqas jiġi investigat dwar reklamar ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni li dwaru għamel rapport lill-Pulizija fil-konfront ta' terzi.  Kif taraha l-Qorti, billi evidentement hija msejsa fuq fatti, l-espressjoni tal-fehma li l-azzjonijiet tal-attur fiċ-ċirkostanzi kienu jimmeritaw investigazzjoni mill-Pulizija għaliex dawn setgħu jitqiesu bħala atti ta' reklamar ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni minħabba n-nuqqas assolut ta' definizzjoni espressa taħt l-Att dak iż-żmien, u li l-fehma li l-Pulizija ma applikatx lill-attur, esponent tal-prinċipju ta' l-ugwaljanza, l-istess trattament li ngħata lil Matthew Grech, tistax ma titqiesx bħala waħda raġjonevoli li pesuna onesta jista' raġjonevolment tesprimi, u l-Qorti m'hijiex serja tiċċensuraha.

Għall-Qorti din id-dikjarazzjoni timmanifesta espressjoni *par excellence* ta' opinjoni ta' persuna onesta bbażata fuq fatti stabbiliti u ppruvati mill-atti proċesswali, kompriż ix-xhieda tal-attur innifsu quddiem il-Qorti kif ukoll fil-proċediment kriminali fil-

konfront tal-istess Matthew Grech u l-ġornalisti ta' PMNews dwar ir-reat ta' prattiċi illegali ta' konverżjoni.

Wieħed irid iżomm quddiem għajnejh illi l-materja ta' prattiċi ta' konverżjoni kif ukoll il-leġislazzjoni li tikkriminalizza prattiċi illegali ta' konverżjoni hija waħda sensittiva u evidentement ma hijiex universalment aċċettata fil-komunita' lokali għaliex kif jirriżulta mill-fattispeċje ta' din il-kawża, fis-soċjeta' jeżistu fazzjonijiet fuq kull naħa tal-ispectrum politiku: dik liberali fuq in-naħa l-waħda, manifestata fl-attur Silvan Agius, li timmilita favur drittijiet ta' ugwaljanza għal persuni LGBTIQ, soċjeta' pluralistika u tolleranza lejn id-diversita' tal-ġenru, u fuq in-naħa l-oħra, il-fazzjoni iktar konservattiva u tradizzjonali fis-soċjeta', manifestata fil-kitbiet pubblikati mill-konvenut u impunjati f'din il-kawża, li topponi l-konċessjoni ta' iktar drittijiet u l-introduzzjoni ta' liġijiet li jixxaqilbu l-bilanċ favur persuni LGBTIQ, bħal per eżempju l-kriminalizzazzjoni bl-addoċċ ta' kull imġieba li tista' tiġi perċepita bħala negazzjoni tad-diversita' tal-ġenru u drittijiet LGBTIQ.  Minn qari tal-artikoli kollha impunjati mill-attur, dan il-kunflitt fl-ideoloġiji soċjo-politiċi tal-attur fuq naħa waħda, u ta' l-awtur jew pubblikatur tal-artikoli fuq in-naħa l-oħra, huwa minnufih evidenti u għalhekk, il-qarrej malajr jifhem li l-isfond tal-kritika tal-attur, liema kritika hija għandha sfond fattwali u għalhekk hija opinjoni waħda li persuna onesta tista' raġjonevolment ikollha abbażi ta' dawk il-fatti.

Magħdud dan il-fatt li huwa l-jedd ta' kull individwu li jifforma opinjonijiet u jesprimihom lil ħaddieħor, li għandu dritt ukoll jirrejaġixxi u jirrispondi għal dak li jiġri madwaru b'mod soġġettiv, anke jekk f'dan il-proċess ikun wasal għal konklużjonijiet mhux korretti: "*the right to make honest but derogatory expressions of opinions on such matters was and is an important safeguard for freedom of expression*".[37]

Kemm hu hekk, id-difiżi bħalma huma dawk tal-kumment ġust u llum tal-opinjoni onesta, huma intiżi tabilħaqq biex jippromwovu espressjoni vigoruża tal-fehmiet u dan

---

[37] **Joseph v. Spiller**, Lord Phillips, 2010, UKSC, 53 (2011) A.C. 852.

biex "*a critic need not be mealy mouthed in denouncing what he disagrees with .... (but rather is) entitled to dip his pen in gall for the purposes of legitimate criticism.*"[38]

Konsegwentement, billi hija opinjoni onesta, l-imputazzjoni ta' ipokrisija li titnissel minn qari komplessiv tad-diversi stqarrijiet impunjati mill-attur bħala malafamanti, ma tistax titqies bħala diffamatorja u għalhekk mhux meħtieġ li tiġi mistħarrġa wkoll id-difiża tal-pubblikazzjoni dwar materja ta' interess pubbliku, eċċepita fit-tielet paragrafu tar-Risposta tal-konvenut.

**Għal dawn il-motivi, filwaqt li tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-konvenut fir-Risposta safejn hija kompatibbli ma' dak hawn deċiż, u tiddikjara li l-istqarrijiet fil-pubblikazzjonijiet li ġew impunjati fir-Rikors m'humiex diffamatorji u tilqa' wkoll ir-raba' eċċezzjoni in kwantu li l-istqarrijiet f'kull każ jikkostitwixxu opinjoni onesta a tenur tal-artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Midja u l-Malafama, tiċħad it-talbiet tal-attur SILVAN AGIUS fir-Rikors, bl-ispejjeż jitħallsu mill-istess attur.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**

---

[38] **Tse Wai Chun Paul v. Albert Cheng** (2000), ċitat mill-Gatley, *ibid.*, 12.1, p. 423.